

ANNESS I

KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

[Pipetti ta' doża waħda]

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 30 mg / 7.5 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates żgħar.
Profender 60 mg / 15 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates ta' daqs medju.
Profender 96 mg / 24 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates kbar.

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sustanzi attivi:

Profender fih 21.4 mg/ml emodepsajd u 85.8 mg/ml prażikwantel.

Kull doża (pipetta) ta' Profender fiha:

	Volum	Emodepsajd	Prażikwantel
Profender għal qtates żgħar ($\geq 0.5 - 2.5$ kg)	0.35ml	7.5 mg	30 mg
Profender għal qtates ta' daqs medju ($> 2.5 - 5$ kg)	0.70 ml	15 mg	60 mg
Profender għal qtates kbar ($> 5 - 8$ kg)	1.12 ml	24 mg	96 mg

Sustanzi mhux attivi:

5.4 mg/ml butylhydroxyanisole (E320; bħala antiossidant)

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat
Taħlita ta' kulur isfar ċar li jista' jkangħi fil-kannella

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Qtates

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Fil-każ ta' qtates li jbatu minn, jew jinsabu fir-riskju ta', infezzjonijiet parasiċi mħallta, ikkawżati mill-ħniex it-tondi tal-imsaren, dud parastiku li jgħix fl-intestini u dud parastiku fil-pulmuni tal-mammali tal-ispeċijiet li ġejjin:

Ħniex (Nematodi)

Toxocara cati (adulti maturi, adulti mmaturi, L4 u L3)

Toxocara cati (L3 larvi) – trattament tar-ġejjen matul l-aħħar tat-tqala biex jipprevjenu it-trażmissjoni laktogenika lill-wild

Toxascaris leonina (adulti maturi, adulti mmaturi u L4)

Ancylostoma tubaeforme (adulti maturi, adulti mmaturi u L4)

Ħniex (Ċestodi)

Dipylidium caninum (adult matur u adult immatur)

Taenia taeniaeformis (adult)

Echinococcus multilocularis (adult)

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali

Aelurostrongylus abstrusus (adult)

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax fuq qtates li għandhom inqas minn 8 ġimgħat jew li jiżnu inqas minn 0.5 kg.

Tużax f'każijiet ta' sensittività għall-ingredjenti attivi; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

L-użu ta' xampu jew l-għads ta' l-annimal ġo l-ilma eżatt wara t-trattament jista' jnaqqas l-effett tal-prodott. Għalhekk annimali li ġew trattati m'għandhomx jiġu maħsula qabel ma' t-taħlita tkun nixfet.

Reżistenza tal-parassita għal kull klassi ta' antihelmentici tista' tiżviluppa meta jkun hemm użu spiss u ripetut ta' antihelmentici ta' dik il-klassi.

4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Applika biss fuq il-wiċċ tal-ġilda u fuq ġilda ntatta. Tapplikax oralment jew parenteralment.

Tħallix il-qattus li ġie trattat jew qtates oħra fid-dar jilgħaqu l-parti trattata waqt li din tkun għadha mxarrba.

Hemm esperjenza limitata fuq l-użu tal-prodott fuq annimali morda u dgħajfa. Għalhekk dan il-prodott għandu biss jiġi wżat wara valutazzjoni tar-riskju u benefiċċju fuq dawn l-annimali.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Aqra l-fuljett ta' tagħrif ta' ġol-pakkett qabel tuża.

Tpejjipx, tiekolx jew tixrob waqt li qed tuża l-prodott.

Evita kuntatt dirett mal-parti fejn tapplika l-prodott, meta din tkun imxarrba. Waqt il-perjodu tat-trattament, tħallix tfal imissu l-annimali.

Aħsel idejk sew wara li tuża.

Jekk aċċidentalment il-prodott jixxerred fuq il-ġilda, aħsel malajr bl-ilma u s-sapun.

F'każ li l-prodott jiġi f'kuntatt ma' l-għajnejn, bahbah malajr b'haġna ilma.

Jekk sintomi fil-ġilda jew fl-għajnejn jippersistu, jew fil-każ li l-prodott jiġi inġestit aċċidentalment, kellem lit-tabib u urih l-fuljett ta' tagħrif ta' ġol-kaxxa.

It-tfal m'għandux ikollhom kuntatt twil u intensiv (per.eż. jorqdu) mal-qtates trattati matul l-ewwel 24 siegħa wara l-applikazzjoni tal-prodott.

Is-solvent li hemm fil-prodott jista' jtebba' materjali differenti, fosthom ġild, drapp, plastik u wċuħ illostrati. Tħallix l-parti t'applikazzjoni tagħmel kuntatt ma' dawn it-tipi ta' materjali, qabel ma tinxf.

L-ekinokokkosi hija ta' periklu fl-uman. Billi l-ekinokokkosi hija marda li għandha tkun notifikata lil OIE, tagħrif speċifiku fuq it-trattament u monitoraġġ, u fuq is-sigurtà tal-persuni għandu jiġi akkwistat mingħand l-awtorità relevanti u kompetenti.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Is-salivazzjoni, r-rimettar u dijarea jistgħu jseħħu f'każijiet rari ħafna. Disturbi newroloġiċi ħfief u temporanji bħal atassja jew tregħid jistgħu jseħħu f'każijiet rari ħafna. Dawn l-effetti huma maħsuba li jiġru għax il-qattus jilgħaq il-post tal-applikazzjoni minnufih wara t-trattament. F'każijiet rari ħafna wara l-għoti ta' Profender kienu osservati alopeċja temporanja, ħakk u/jew infjamazzjoni fis-sit tal-applikazzjoni. F'okkażjonijiet rari ħafna, jistgħu jseħħu disturbi fl-imġieba, bħal iperattività, ansjetà u vokalizzazzjoni. Anoressja u letarġija ġew irrappurtati f'okkażjonijiet rari ħafna.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien il-ħalib.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Emodepsajd huwa substrat tal-p-glajkoprotejn. Trattament flimkien ma' mediċina oħra li hija substrat/inibitur tal-p-glajkoprotejn (eż. ivermektina, u lattoni makroċikliċi oħra kontra l-parassiti, eritromiċina, prednisolon u ċiklosporin) jista' jirriżulta f'effetti farmakokinetiċi mediċinali. Il-konsegwenzi kliniċi potenzjali t'effetti bħal dawn għadhom ma ġewx investigati.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Skeda tad-doża u trattament

Id-dożi minimi rakkomandati huma ta' 3 mg emodepsajd għal kull kg piż tal-ġisem u 12 mg prażikwantel għal kull kg piż tal-ġisem, li jiġu ekwivalenti għal 0.14 ml Profender għal kull kg piż tal-ġisem.

Piż tal-Qattus [kg]	Qies tal-Pipetta għall-użu	Volum [ml]	Emidopsajd [mg/kg piż tal-ġisem]	Prażikwantel [mg/kg piż tal-ġisem]
≥ 0.5 – 2.5	Profender għal qtates żgħar	0.35 (1 pipetta)	3 - 15	12 – 60
> 2.5 – 5	Profender għal qtates ta' daqs medju	0.70 (1 pipetta)	3 - 6	12 – 24
>5 – 8	Profender għal qtates kbar	1.12 (1 pipetta)	3 – 4.8	12 – 19.2
> 8	Agħżel qisien adattati ta' pipetti			

Għat-trattament tal-ħniex it-tondi tal-imsaren u dud parasitiku li jgħix fl-intestini l-amministrazzjoni waħda għal kull trattament hi effettiva.

Għat-trattament tal-irġejjen biex jipprevjenu t-trażmissjoni ta' *Toxocara cati* (L3 larvi) lill-wild, amministrazzjoni waħda għal kull trattament madwar seba' ġranet qabel il-ħlas mistenni hi effettiva.

Fil-każ tad-dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali *Aelurostrongylus abstrusus*, żewġ trattamenti mogħtija ġimagħtejn bogħod minn xulxin huma effettivi.

Metodu t' amministrazzjoni

Għal użu estern biss.

Neħħi pipetta waħda mill-pakkett. Żomm il-pipetta tħares il-fuq, ilwi u iġbed l-ġhatu 'l barra. Aqleb l-ġhatu ta' taħt fuq u użah biex tilwi u tneħħi s-siġill tal-pipetta.

Ofroq il-pil fuq l-ġhonq tal-qattus fit-tarf tal-kranju sakemm tidher il-ġilda. Poġġi t-tarf tal-pipetta fuq il-ġilda u għafas il-pipetta bis-sħiħ kemm il-darba biex tbattal il-kontenut direttament fuq il-ġilda. Applikazzjoni fit-tarf tal-kranju tnaqqas l-abbiltà tal-qattus biex jilgħaq il-prodott.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Tbeżlieq, irreġettar u sinjali newroloġiċi (tregħid) ġew osservati kull tant meta l-prodott ġie applikat sa għaxar darbiet id-doża rakkomandata fuq qtates adulti u sa 5 darbiet id-doża rakkomandata fuq frieħ tal-qtates. Is-sintomi huma maħsuba li għaw meta l-qattus lagħaq il-parti ttrattata. Is-sintomi kienu kompletament reversibbli. M'hemmx antidot speċifiku li hu magħruf.

4.11 Perjodu ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: sustanza terapewtika kontra l-parassiti.
Kodiċi ATC veterinarja: QP52AA51.

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Emodepsajd hija sustanza semi-sintetika li taqa' fil-kategorija ġdida ta' sustanzi depsipectidi. Hija attiva kontra l-ħniex. F'dan il-prodott, emodepsajd hija responsabbli għall-effett kontra *Toxocara cati*, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme* u *Aelurostrongylus abstrusus*.

Din is-sustanza taħdem fuq il-*junctions* newromuskolari billi tistimula ir-riċetturi presinattiċi tal-kategorija tar-riċetturi tas-sekretin. Dan jirriżulta f'paraliżi u mewt tal-parassita.

Prażikwantel hu mnissel mill-pajrazino-isokwinolin u hu effettiv kontra l-ħniex bħall- *Dipylidium caninum*, *Echinococcus multilocularis*, u *Taenia taeniaeformis*.

Prażikwantel hu assorbit faċilment minn fuq il-ġisem tal-parassita u jaħdem primarjament billi jibdel il-livell ta' permeabbiltà tal-membrana tal-parassita għall- Ca^{++} . Dan jirriżulta fi ħsara kbira fl-integument tal-parassita, kontrazzjoni u paraliżi, tgerfix fil-metaboliżmu, u fl-aħħar iwassal għall-mewt tal-parassita.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara li tkun saret amministrazzjoni tal-prodott fuq il-ġilda tal-qtates b'dożaġġ minimu terapewtiku ta' 0.14 ml/kg piż tal-ġisem, konċentrazzjonijiet massimi fis-serum ta' $32.2 \pm 23.9 \mu\text{g}$ emidopsajd/l u $61.3 \pm 44.1 \mu\text{g}$ prażikwantel /l ġew osservati. L-ogħla konċentrazzjonijiet ta' emidopsajd ġew milħuqa 3.2 ± 2.7 ġranet wara li saret l-applikazzjoni u 18.7 ± 47 sigħat għall-prażikwantel. Iż-żewġ sustanzi attivi jiġu eliminati bil-mod mis-serum b'nofs-ħajja ta' 9.2 ± 3.9 ġranet għall- emidopsajd u 4.1 ± 1.5 ġranet għall- prażikwantel.

Wara applikazzjoni orali fuq il-far, emidopsajd tiġi mferrxa fl-organi kollha. L-ogħla konċentrazzjonijiet instabu fix-xaħam. Tneħħija anali tippredomina, fejn emodepsajd u derivattivi idrossilati, f'forma mhux mibdula, kienu l-prodotti ta' tneħħija ewlenin.

Studji fuq ħafna speċi differenti juru li prażikwantel jiġi metabolizzat malajr fil-fwied. Il-metaboliti prinċipali huma derivattivi *monohydroxycyclohexyl* tal-prażikwantel. Eliminazzjoni renali tippredomina.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Butylhydroxyanisole
Isopropylidene glycerol
Lactic acid

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

M'hemm xejn magħruf.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ppakkjat għall-bejgħ: 3 snin

6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tipproteġi mill-umdità.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Qies tal-pakkett 0.35 ml, 0.70 ml u 1.12 ml kull pipetta

Folji li għandhom pipetta b'doża waħda ta' 2, 4, 12, 20 jew 40 unit; pipetti ta' 0.70 ml biss; folji oħra addizzjonali li fihom 80 pipetta

Kontenut tal-kontenitur Pipetti tal-polipropililn abjad b'għetien magħmula minn folji ta' l-aluminjum.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

6.6 Prekawzzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Profender m'għandu qatt jintrema fl-ilma peress li nstab li emodepsajd hu ta'periklu għall-ħut jew ħlejjaq oħra akwatiċi.

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Vetoquinol S.A.
Magny-Vernois
70200 Lure
Franza

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/001-016

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 27/07/2005.

Data tal-aħħar tiġdid: 01/07/2010.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

[Flixxun ta' aktar minn doża waħda]

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender - 85.8 mg/ml / 21.4 mg/ml taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates.

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sustanzi attivi:

Profender fih 21.4 mg/ml emodepsajd u 85.8 mg/ml prażikwantel.

Sustanzi mhux attivi:

5.4 mg/ml butylhydroxyanisole (E320; bħala antiossidant)

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat

Taħlita ta' kulur isfar ċar li jista jkanġi fil-kannella

4 TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Qtates

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Fil-każ ta' qtates li jbatu minn, jew jinsabu fir-riskju ta', infezzjonijiet parasiċi mħallta, ikkawżati mill-ħniex it-tondi tal-imsaren, dud parastiku li jgħix fl-intestini u dud parastiku fil-pulmuni tal-mammali tal-ispeċijiet li ġejjin:

Ħniex (Nematodi)

Toxocara cati (adulti maturi, adulti mmaturi, L4 u L3)

Toxocara cati (L3 larvi) – trattament tar-rġejen matul l-aħħar tat-tqala biex jipprevjenu it-trażmissjoni laktoġenika lill-wild

Toxascaris leonina (adulti maturi, adulti mmaturi u L4)

Ancylostoma tubaeforme (adulti maturi, adulti mmaturi u L4)

Ħniex (Ċestodi)

Dipylidium caninum (adult matur u adult immatur)

Taenia taeniaeformis (adult)

Echinococcus multilocularis (adult)

Dud parastiku fil-pulmuni tal-mammali

Aelurostrongylus abstrusus (adult)

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax fuq qtates li għandhom inqas minn 8 ġimgħat jew li jiżnu inqas minn 0.5 kg.

Tużax f'każijiet ta' sensitività għall-ingredjenti attivi; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

L-użu ta' xampu jew l-ġahds ta' l-annimal ġo l-ilma eżatt wara t-trattament, jista' jnaqqas l-effett tal-prodott. Għalhekk annimali li ġew trattati m'għandhomx jiġu maħsula qabel ma' t-taħlita tkun nixfet.

Reżistenza tal-parassita għal kull klassi ta' antihelmentiči tista' tiżviluppa meta jkun hemm użu spiss u ripetut ta' antihelmentiči ta' dik il-klassi.

4.5 Prekawżjonijiet speċjali għall-użu

Prekawżjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Applika biss fuq il-wiċċ tal-ġilda u fuq ġilda ntatta. Tapplikax oralment jew parenteralment.

Tħallix il-qattus li ġie trattat jew qtates oħra fid-dar jilgħaqu l-parti trattata waqt li din tkun għadha mxarrba.

Hemm esperjenza limitata fuq l-użu tal-prodott fuq annimali morda u dgħajfa. Għalhekk dan il-prodott għandu biss jiġi wżat wara valutazzjoni tar-riskju u benefiċċju fuq dawn l-annimali.

Prekawżjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Aqra l-fuljett ta' tagħrif ta' ġol-pakkett qabel tuża.

Tpejjipx, tiekolx jew tixrob waqt li qed tuża l-prodott.

Evita kuntatt dirett mal-parti fejn tapplika l-prodott, meta din tkun imxarrba. Waqt il-perjodu tat-trattament, tħallix tfal imissu l-annimali.

Aħsel idejk sew wara li tuża.

Jekk aċċidentalment il-prodott jixxerred fuq il-ġilda, aħsel malajr bl-ilma u s-sapun.

F'każ li l-prodott jiġu f'kuntatt ma' l-għajnejn, baħbah malajr b'ħafna ilma.

Jekk sintomi fil-ġilda jew fl-għajnejn jippersistu, jew fil-każ li l-prodott jiġi inġestit aċċidentalment, kellew lit-tabib u urih l-fuljett ta' tagħrif ta' ġol-kaxxa.

It-tfal m'għandux ikollhom kuntatt twil u intensiv (per.eż. jorqdu) mal-qtates trattati matul l-ewwel 24 siegħa wara l-applikazzjoni tal-prodott.

Is-solvent li hemm fil-prodott jista' jtebba' materjali differenti, fosthom ġild, drapp, plastik u wċuħ illostrati. Tħallix l-parti t'applikazzjoni tagħmel kuntatt ma' dawn it-tipi ta' materjali, qabel ma tinxef.

L-ekinokokkosi hija ta' periklu fl-uman. Billi l-ekinokokkosi hija marda li għandha tkun notifikata lil OIE, tagħrif speċifiku fuq it-trattament u monitaraġġ, u fuq is-sigurtà tal-persuni għandu jiġi akkwistat mingħand l-awtorità relevanti u kompetenti.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Is-salivazzjoni, r-rimettar u dijarea jistgħu jseħħu f'każijiet rari ħafna. Disturbi newroloġiċi ħfief u temporanji bħal atassja jew tregħid jistgħu jseħħu f'każijiet rari ħafna. Dawn l-effetti huma maħsuba li jiġru għax il-qattus jilgħaq il-post tal-applikazzjoni minnufih wara t-trattament. F'każijiet rari ħafna wara l-ġhoti ta' Profender kienu osservati alopeċja temporanja, ħakk u/jew infjamazzjoni fis-sit tal-applikazzjoni. F'okkażjonijiet rari ħafna, jistgħu jseħħu disturbi fl-imġieba, bħal iperattività, ansjetà u vokalizzazzjoni. Anoreġija u letarġija ġew irrappurtati f'okkażjonijiet rari ħafna.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)

- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f' 10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien il-ħalib.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Emodepsajd huwa substrat tal-p-glajkoprotejn. Trattament flimkien ma' mediċina oħra li hija substrat/inibitur tal-p-glajkoprotejn (eż. ivermektina, u lattoni makroċikliċi oħra kontra l-parassiti, eritromiċina, prednisolon u ċiklosporin) jista' jirriżulta f'effetti farmakokinetiċi mediċinali. Il-konsegwenzi kliniċi potenzjali t'effetti bħal dawn għadhom ma' ġewx investigati.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Skeda tad-doża u trattament

Id-dożi minimi rrakkmandati huma ta' 3 mg emodepsajd għal kull kg piż tal-ġisem u 12 mg prażikwantel għal kull kg piż tal-ġisem, li jiġu ekwivalenti għal 0.14ml Profender għal kull kg piż tal-ġisem.

Jew tikkalkula d-doża eżatta bbażata fuq il-piż individwali tal-ġisem, jew uża d-dożi li ġejjin li huma rrakkmandati għall- skedi ta' piż tal-ġisem:

Piż tal-Qattus [kg]	Volum [ml]	Emidopsajd		Prażikwantel	
		[mg]	[mg/kg piż tal-ġisem]	[mg]	[mg/kg piż tal-ġisem]
≥0.5 – 2.5	0.35	7.5	3 – 15	30	12 – 60
>2.5 – 5	0.70	15	3 – 6	60	12 – 24
>5 – 8	1.12	24	3 – 4.8	96	12 – 19.2
>8	Agħżel volumi adattati				

Għat-trattament tal-ħniex it-tondi tal-imsaren u dud parasitiku li jgħix fl-intestini l-amministrazzjoni waħda għal kull trattament hi effettiva .

Għat-trattament tal-irġejjen biex jipprevjenu t-trażmissjoni ta' *Toxocara cati* (L3 larvi) lill-wild, amministrazzjoni waħda għal kull trattament madwar seba' ġranet qabel il-ħlas mistenni hi effettiva.

Fil-każ tad-dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali *Aelurostrongylus abstrusus*, żewġ trattamenti mogħtija ġimagħtejn bogħod minn xulxin huma effettivi.

Metodu t'amministrazzjoni

Għal użu estern biss.

Ħu l-*adaptor*, neħħi l-għatu ta' protezzjoni minn mal-ponta u daħħal il-ponta fin-nofs tat-tapp. Neħħi l-għatu bil-kamin. Ħu siringa normali, ta' użu waħdieni, ta' 1 ml bil-*luer nozzle* u poġġiha ma' l-*adaptor*. Imbagħad aqleb il-flixxun ta' taħt fuq u iġbed il-volum meħtieġ. Erga poġġi l-għatu wara li tispiċċa.

Ofroq il-pil fuq l-għonq tal-qattus fit-tarf tal-kranju sakemm tidher il-ġilda. Poġġi t-tarf tas-siringa fuq il-ġilda u battal il-kontenut direttament fuq il-ġilda.

Applikazzjoni fit-tarf tal-kranju tnaqqas l-abbilta tal-qattus li jilgħaq il-prodott.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Tbeżlieq, irreġettar u sinjali newroloġiċi (treġhid) ġew osservati kull tant meta l-prodott ġie applikat sa għaxar darbiet id-doża rakkomandata fuq qtates adulti u sa 5 darbiet id-doża rakkomandata fuq frieħ tal-qtates. Is-sintomi huma maħsuba li ġraw meta l-qattus lagħaq il-parti ttrattata. Is-sintomi kienu kompletament reversibbli.

M' hemmx antidot speċifiku li hu magħruf.

4.11 Perjodu ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: sustanza terapewtika kontra l-parassiti.

Kodiċi ATC veterinarja: QP52AA51.

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Emodepsajd hija sustanza semi-sintetika li taqa' fil-kategorija ġdida ta' sustanzi depsipeptidi. Hija attiva kontra l-ħniex. F'dan il-prodott, emodepsajd hija responsabbli għall-effett kontra *Toxocara cati*, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme* u *Aelurostrongylus abstrusus*.

Din is-sustanza taħdem fuq il-*junctions* newromuskolari billi tistimula r-riċetturi presinattiċi tal-kategorija tar-riċetturi tas-sekretin. Dan jirriżulta f'paraliżi u mewt tal-parassita.

Prażikwantel hu mnissel mill-pajrazino-isokwinolin u hu effettiv kontra l-ħniex bħall-*Dipylidium caninum*, *Echinococcus multilocularis*, u *Taenia taeniaeformis*.

Prażikwantel hu assorbit faċilment minn fuq il-ġisem tal-parassita u jaħdem primarjament billi jibdel il-livell ta' permeabbilita tal-membrana tal-parassita għall- Ca^{++} . Dan jirriżulta fi ħsara kbira fl-integument tal-parassita, kontrazzjoni u paraliżi, tgerfix fil-metaboliżmu, u fl-aħħar iwassal għall-mewt tal-parassita.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara li tkun saret amministrazzjoni tal-prodott fuq il-ġilda tal-qtates b'dożaġġ minimu terapewtiku ta' 0.14 ml/kg piż tal-ġisem, konċentrazzjonijiet massimi fis-serum ta' 32.2 ± 23.9 µg emidopsajd/l u 61.3 ± 44.1 µg prażikwantel /l ġew osservati. L-ogħla konċentrazzjonijiet ta' emidopsajd ġew milħuqa 3.2 ± 2.7 ġranet wara li saret l-applikazzjoni u 18.7 ± 47 sigħat għall-prażikwantel. Iż-żewġ sustanzi attivi jiġu eliminati bil-mod mis-serum b'nofs-ħajja ta' 9.2 ± 3.9 ġranet għall- emidopsajd u 4.1 ± 1.5 ġranet għall- prażikwantel.

Wara applikazzjoni orali fuq il-far, emidopsajd tiġi mferrexxa fl-organi kollha. L-ogħla konċentrazzjonijiet instabu fix-xaħam. Tneħħija anali tippredomina, fejn emodepsajd u derivattivi idrossilati, f'forma mhux mibdula, kienu l-prodotti ta' tneħħija ewlenin.

Studji fuq ħafna speċi differenti juru li prażikwantel jiġi metabolizzat malajr fil-fwied. Il-metaboliti prinċipali huma derivattivi *monohydroxycyclohexyl* tal-prażikwantel. Eliminazzjoni renali tippredomina.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Butylhydroxyanisole
Isopropylidene glycerol
Lactic acid

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

M'hemm xejn magħruf.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin

Żmien li l-prodott jibqa' tajjeb wara li jinfetaħ il-kontenitur immedjat: 3 xhur

6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandux bżonn ta' l-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Qies tal-pakkett: 14ml

Kontenut tal-kontenitur: Flixxun tal-ħġieġ kulur isfar b'tapp tal-gomma u *micro-spike adapter* bil-luer port

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Profender m'għandu qatt jintrema fl-ilma peress li nstab li emodepsajd hu ta' periklu għall-ħut jew ħlejjaq oħra akwatiċi.

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Vetoquinol S.A.
Magny-Vernois
70200 Lure
Franza

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/017

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 27/07/2005.

Data tal-aħħar tiġdid: 01/07/2010.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Pilloli Profender 15 mg/3 mg li jerħu l-mediċina b'mod modifikat għal Klieb Żgħar
Pilloli Profender 50 mg/10 mg li jerħu l-mediċina b'mod modifikat għal Klieb ta' Daqs Medju
Pilloli Profender 150 mg/30 mg li jerħu l-mediċina b'mod modifikat għal Klieb Kbar

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull pillola Profender fiha:

Sustanzi attivi:

	Emodepside	Prażikwantel
Pilloli Profender għal Klieb Żgħar	3 mg	15 mg
Pilloli Profender għal Klieb ta' Daqs Medju	10 mg	50 mg
Pilloli Profender għal Klieb Kbar	30 mg	150 mg

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli li jerħu l-mediċina b'mod modifikat
Pilloli kannella, forma ta' għadma mmarkati b'xaqq fuq kull ġenb.
Il-pilloli jistgħu jinqasmu eżatt minn nofs.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għal klieb li qed isofru minn, jew huma f'riskju ta' infezzjonijiet ikkawżati minn ħniex u dud fl-imsaren ta' dawn l-ispeċi:

Ħniex (Nematodi)

Toxocara canis (adulti maturi, adulti immaturi, L4 u L3)
Toxascaris leonina (adulti maturi, adulti immaturi u L4)
Ancylostoma caninum (adulti maturi, adulti immaturi u L4)
Uncinaria stenocephala (adulti maturi, adulti immaturi)
Trichuris vulpis (adulti maturi, adulti immaturi u L4)

Dud (Ċestodi)

Dipylidium caninum
Taenia spp.
Echinococcus multilocularis (adulti maturi, adulti immaturi)
Echinococcus granulosus (adulti maturi, adulti immaturi)

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Tużax fuq ġriewi li għandhom inqas minn 12-il ġimgħa jew li jiżnu inqas minn 1 kg.
Tużax f'każijiet ta' sensittività għall-ingredjenti attivi; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Reżistenza tal-parassita għal kull klassi ta' antihelmentiči tista' tiżviluppa meta jkun hemm użu spiss u ripetut ta' antihelmentiči ta' dik il-klassi.

4.5 Prekawżjonijiet speċjali għall-użu

Prekawżjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Amministra biss fuq klieb sajmin. Pereżempju: Jekk il-kelb ikun se jiġi ttrattat filgħodu huwa rrakkomandat li l-kelb jiġi msajjem matul il-lejl ta' qabel. M' għandu jingħata ebda ikel lill-kelb sa 4 sigħat wara t-trattament.

Meta l-infezzjoni *D. Caninum* hija preżenti, għandu jiġi kkunsidrat trattament kontra l-organiżmi intermedji, bħal briegħed u qamel, biex jilqa' kontra infezzjoni mill-ġdid.

M'hemm l-ebda studji fuq klieb li huma severement debboli jew individwi li l-funzjoni tal-fwied u l-kliwi tagħhom hija compromessa. Għalhekk il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi użat biss fuq l-annimali wara li tkun saret valutazzjoni tar-riskju/siwi minn veterinarju responsabbli.

Prekawżjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Fl-interess ta' iġene tajba, aħsel idejk qabel tagħti l-pilloli lill-kelb. Fil-każ ta' inġestjoni aċċidentali, speċjalment fil-każ tat-tfal, fittex parir mediku u uri l-fuljett tal-pakkett jew it-tikketta lit-tabib.

L-ekinokokkosi hija ta' periklu għal bniedem. Peress li l-ekinokokkosi hija marda li għandha tkun notifikata 'l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE), tagħrif speċifiku fuq it-trattament u l-follow-up, kif ukoll fuq is-sigurtà tal-persuni għandu jiġi akkwistat mingħand l-awtorità kompetenti rilevanti.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Disturbi ħfief temporanji fil-passaġġ diġestiv (eż. produzzjoni eċċessiva ta' saliva, rimettar, dijarea) ġew osservati f'każijiet rari ħafna.

Disturbi newroloġiċi ħfief temporanji (eż. roġħda, nuqqas ta' koordinazzjoni) ġew osservati f'każijiet rari ħafna. In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sawm, kellu t-tendenza li jkun karatteristika ta' dawk il-każijiet. Barra minn hekk, sinjali ta' disturbi newroloġiċi jistgħu jkunu aktar serji (eż. konvulżjoni) f'Collies, Shelties u Australian Shephers bil-mutazzjoni mdr1 (-/-).

M'hemmx antidoti speċifiċi magħrufin.

F'okkażjonijiet rari ħafna, jistgħu jseħħu disturbi fl-imġieba, bħal iperattività. Anoressja, ipertermija, letarġija u mimduda ġew irrappurtati f'okkażjonijiet rari ħafna.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Jista' jintuża waqt it-tqala u fi żmien il-ħalib.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Emodepside huwa substrat għal p-glajkoprotejn. Trattament flimkien ma' mediċini oħra li huma substrat/inibitur għal p-glajkoprotejn (eż. ivermektin, u lattoni makroċikliċi oħra kontra l-parassiti, eritromiċina, prednisolon u ċiklosporin) jistgħu jirriżultaw f'effetti farmakokinetiċi fuq xulxin. Il-konsegwenzi kliniċi potenzjali t'effetti bħal dawn għadhom ma ġewx mistharra.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Skeda tad-doża u trattament

Profender għandu jiġi amministrat b'doża minima ta' 1 mg/kg emodepside piż tal-ġisem u 5 mg/kg prażikwantel piż tal-ġisem, skond it-tabella ta' dożaġġ t'hawn taħt

Amministrazzjoni waħda għal kull trattament hija effettiva.

Piż tal-ġisem (kg)	Numru ta' pilloli Profender għal		
	klieb żgħar	klieb ta' daqs medju	klieb kbar
	1  = 3 kg	1  = 10 kg	1  = 30 kg
1 – 1.5	½		
> 1.5 – 3	1		
> 3 – 4.5	1½		
> 4.5 – 6	2		
> 6 – 10		1	
> 10 – 15		1½	
> 15 – 20		2	
> 20 – 30			1
> 30 – 45			1½
> 45 – 60			2

Metodu t' amministrazzjoni

Għal użu orali fi klieb li għandhom minn 12-il-ġimgħa l-fuq u li jiżnu ta' l-inqas 1 kg. Il-pilloli Profender għandhom toġhma ta' laħam, u normalment l-klieb ser jaċċettawhom anke jekk mingħajr ikel.

Amministra fuq klieb sajmin biss. Pereżempju: Jekk il-kelb ikun se jiġi ttrattat filgħodu huwa rrakkomandat li l-kelb jiġi msajjem matul il-lejl ta' qabel. M' għandu jingħata ebda ikel lill-kelb sa 4 sigħat wara t-trattament.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Tregħid ta' muskoli, li jgħaddi, nuqqas ta' koordinazzjoni u depressjoni ġew osservati kultant meta l-prodott mediċinali ngħata f'dożi eċċessivi sa 5 darbiet aktar mid-doża rrakkomandata. Fil-Collies bil-mutazzjoni mdr1 (-/-), il-marġini tas-sigurtà jidher aktar baxx meta mqabbel mal-popolazzjoni ta' klieb normali, bi tregħid ħafif u/jew atassja kultant osservati wara li ngħatat doża doppja ta' dik rrakkomandata, fi klieb sajmin kif irrakkomandat.

Is-sintomi għaddeu wehldhom kompletament mingħajr trattament. It-tmiegħ jista' jżid l-inċidenza u l-intensità tas-sintomi ta' dożi eċċessivi bħal dawn u kultant jista' jkun hemm rremettar.

Rimedji speċifiċi m'humiex magħrufin.

4.11 Perjodu ta' tiżmim

Mhux applikabbli

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: sustanza terapewtika kontra l-parassiti.
Kodiċi ATC veterinarja: QP52AA51.

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Emodepside hija sustanza semi-sintetika li tappartjeni lil-grupp ġdid ta' sustanzi depsipeptidi. Hija attiva kontra n-nematodi (askaridi, anċilostomi u whipworms). F'dan il-prodott, emodepside hija responsabbli għall-effett kontra *Toxocara canis*, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma caninum*, *Uncinaria stenocephala* u *Trichuris vulpis*.

Din is-sustanza taħdem fuq il-konġunġiment newromuskolari billi tistimula ir-riċetturi presinattiċi li jappartjenu fil-kategorija tar-riċetturi tas-sekretin. Dan jirriżulta f'paraliżi u mewt tal-parassita.

Prażikwantel hu mnissel minn derivat pyrazinoisoquinoline u hu effettiv kontra l-ħniex taċ-ċestodi bħal *Dipylidium caninum*, *Taenia* spp., *Echinococcus multilocularis* u *Echinococcus granulosus*.

Prażikwantel hu assorbit malajr minn fuq il-ġisem tal-parassita u jaħdem primarjament billi jibdel il-permeabbilita tal-kalċju (Ca^{++}) tal-membrana tal-parassita. Dan jirriżulta fi ħsara severa fl-integwiment, kontrazzjoni u paraliżi tal-parassita, tħarbit fil-metaboliżmu, u finalment fil-mewt tal-parassita.

5.2 Tagħrif farmakokinetiċi

Wara trattament b'doża ta' 1.5 mg emodepside u 7.5 mg prażikwantel għal kull kg ta' piż tal-ġisem, konċentrazzjonijiet ġeometriċi massimi medji tal-plażma ta' 47 µg emodepside/l u 93 µg prażikwantel/l ġew osservati. Konċentrazzjonijiet massimi ntlaħqu sagħtejn wara t-trattament għaż-żewġ sustanzi attivi. Iż-żewġ sustanzi attivi ġew eliminati t-tnejn mill-plażma b'half life ta' 1.4 sa 1.7 sigħat.

Wara applikazzjoni orali fil-far, emodepside jinfirx fl-organi kollha. L-ogħla konċentrazzjonijiet instabu fix-xaħam. Emodepside mhux mibdul u derivati idrossilati tiegħu huma l-prodotti ta' eliminazzjoni ewlenin. L-eliminazzjoni ta' emodepside ma ġiex mistħarreġ fil-klieb.

Studji fuq ħafna speċi differenti juru li prażikwantel jiġi metabolizzat malajr fil-fwied. Il-metaboliti prinċipali huma derivati *monohydroxycyclohexyl* ta' prażikwantel. Eliminazzjoni renali tal-metaboliti tippredomina.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Calcium hydrogen phosphate anidru
Cellulose, microcrystalline
Silica, colloidal anidru
Croscarmellose sodium
Magnesium stearate
Povidone
Togħma artifiċjali taċ-ċanga

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Mhux Applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ppakkjat għall-bejgħ: 3 snin

6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tipproteġi mill-umdità.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Kaxxi tal-kartun li fihom folji ta' l-aluminjum. Dawn huma d-daqsijiet tal-pakketti :

Pilloli Profender 15 mg/3 mg għal klieb żgħar

- 2 pilloli (folja waħda)
- 4 pilloli (folja waħda)
- 10 pilloli (folja waħda)
- 24 pillola (3 folji bi 8 pilloli kull waħda)
- 50 pillola (5 folji b' 10 pilloli kull waħda)

Pilloli Profender 50 mg/10 mg għal klieb ta' daqs medju

- 2 pilloli (folja waħda)
- 4 pilloli (folja waħda)
- 6 pilloli (folja waħda)
- 24 pillola (4 folji ta' 6 pilloli kull waħda)
- 102 pilloli (17-il folja ta' 6 pilloli kull waħda)

Pilloli Profender 150 mg/30 mg għal klieb kbar

- 2 pilloli (folja waħda)
- 4 pilloli (folja waħda)
- 24 pillola (6 folji ta' 4 pilloli l-waħda)
- 52 pillola (13-il folja ta' 4 pilloli l-waħda)

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

Nofs pilloli mhux użati m'għandhomx jiġu maħżuna għall-użu fil-ġejjieni u għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Vetoquinol S.A.
Magny-Vernois
70200 Lure
Franza

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/018 - 031

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 27/07/2005.

Data tal-aħħar tiġdid: 01/07/2010.

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU

Mhux Applikabbli.

ANNESS II

- A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL- ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

KVP Pharma + Veterinär Produkte GmbH
Projjensdorfer Str. 324
24106 Kiel
Il-Ġermanja

Vetoquinol S.A.
Magny-Vernois
70200 Lure
Franza

VETOQUINOL BOWET Sp. z o.o.
Żwirowa 140
66-400 Gorzów Wlkp.,
Il-Polonja

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

ANNESS III

TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates żgħar
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 2 (jew 4) pipetti.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 30 mg / 7.5 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates żgħar

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 0.35 ml fiha:
Sustanzi attivi: 7.5 mg Emodepsajd, 30 mg Prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

2 pipetti
4 pipetti

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates żgħar ≥ 0.5 kg – 2.5 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)
Toxocara cati, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme*

Ħniex/(Tapeworms)
Dipylidium caninum, *Taenia taeniaeformis*, *Echinococcus multilocularis*

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)
Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu estern biss.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tippoteġi mill-umdità.

**12. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI
JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

**13. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW
RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għall-kura tal-annimali biss. Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinajra.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-
TQEGĦID FIS-SUQ**

Vetoquinol S.A., Magny-Vernois , 70200 Lure, Franza

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/001 2 pipetti
EU/2/05/054/002 4 pipetti

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates żgħar
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 12 (20 jew 40) pipetti.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 30 mg / 7.5 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates żgħar

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 0.35 ml fiha:
Sustanzi attivi: 7.5 mg Emodepsajd, 30 mg Prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

12 - il-pipetta
20 pipetta
40 pipetta

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates żgħar ≥ 0.5 kg – 2.5 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)
Toxocara cati, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme*

Ħniex/(Tapeworms)
Dipylidium caninum, *Taenia taeniaeformis*, *Echinococcus multilocularis*

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)
Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu estern biss.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Tużax fuq qtates li għandhom inqas minn 8 ġimgħat jew li jiżnu inqas minn 0.5 kg. Għas-sigurtà ta' min juża l-prodott - aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża'.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tippoteġi mill-umdità.

12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Profender m'għandu qatt jintrema fl-ilma peress li nstab li emodepsajd hu ta' periklu għall-ħut jew ħlejjaq oħra akwatiċi.
Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

13. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Vetoquinol S.A., Magny-Vernois, 70200 Lure, Franza

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/003 12 – il pipetta
EU/2/05/054/004 20 pipetta
EU/2/05/054/005 40 pipetta

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR
--

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates ta' daqs medju
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 2 (jew 4) pipetti.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 60 mg/15 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates ta' daqs medju

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 0.70 ml fiha:
Sustanzi attivi: 15 mg emodepsajd, 60 mg prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

2 pipetti
4 pipetti

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates ta' daqs medju > 2.5 kg – 5 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)
Toxocara cati, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme*

Ħniex/(Tapeworms)
Dipylidium caninum, *Taenia taeniaeformis*, *Echinococcus multilocularis*

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)
Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu estern biss.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tipproteġi mill-umdità.

**12. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI
JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

**13. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW
RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-
TQEGĦID FIS-SUQ**

Vetoquinol S.A., Magny-Vernois, 70200 Lure, Franza

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/006 2 pipetti

EU/2/05/054/007 4 pipetti

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates ta' daqs medju
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 12 (20, 40 jew 80) pipetta.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 60 mg/15 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates ta' daqs medju

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 0.70 ml fiha:
Sustanzi attivi: 15 mg emodepsajd, 60 mg prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

12 – il pipetta
20 pipetta
40 pipetta
80 pipetta

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates ta' daqs medju > 2.5 kg – 5 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)
Toxocara cati, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme*

Ħniex/(Tapeworms)
Dipylidium caninum, *Taenia taeniaeformis*, *Echinococcus multilocularis*

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)
Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu estern biss.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Tużax fuq qtates li għandhom inqas minn 8 ġimgħat jew li jiżnu inqas minn 0.5 kg.
Għas-sigurtà ta' min juża l-prodott - aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża'.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tipproteġi mill-umdità.

12. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Profender m'għandu qatt jintrema fl-ilma peress li nstab li emodepsajd hu ta' periklu għall-ħut jew ħlejjaq oħra akwatiċi.

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

13. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għall-kura tal-animalli biss. Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT- TQEGĦID FIS-SUQ

Vetoquinol S.A., Magny-Vernois, 70200 Lure, Franza

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/008 12 – il pipetta

EU/2/05/054/009 20 pipetta
EU/2/05/054/010 40 pipetta
EU/2/05/054/011 80 pipetta

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR
--

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates kbar
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 2 (jew 4) pipetti.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender 96 mg/24 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates kbar

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 1.12 ml fiha:
Sustanzi attivi: 24 mg emodepsajd, 96 mg prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

2 pipetti
4 pipetti

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates kbar >5kg – 8 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)
Toxocara cati, *Toxascaris leonina*, *Ancylostoma tubaeforme*

Ħniex/(Tapeworms)
Dipylidium caninum, *Taenia taeniaeformis*, *Echinococcus multilocularis*

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)
Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu estern biss.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tippoteġi mill-umdità.

**12. PREKAWZZJONIJET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI
JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

**13. IL-KLIEM " GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KONDIZZJONIJET JEW
RESTRIZZJONIJET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għall-kura tal-annimali biss. Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinajra..

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-
TQEGĦID FIS-SUQ**

Vetoquinol S.A., Magny-Vernois, 70200 Lure, Franza

16. NUMRU/I TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/05/054/012 2 pipetti
EU/2/05/054/013 4 pipetti

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
Profender – taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates kbar
Pakkett ta' barra, pakkett ta' 12 (20 jew 40) pipetta.

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Profender – 96 mg/24 mg taħlita likwida għal użu lokalizzat fuq qtates kbar

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pipetta ta' 1.12 ml fiha:

Sustanzi attivi: 24 mg emodepsajd, 96 mg prażikwantel

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Taħlita għal użu lokalizzat



4. DAQS TAL-PAKKETT

12 - il-pipetta

20 pipetta

40 pipetta

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Għal qtates kbar > 5 kg – 8 kg

6. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħniex/(Roundworms)

Toxocara cati, Toxascaris leonina, Ancylostoma tubaeforme

Ħniex/(Tapeworms)

Dipylidium caninum, Taenia taeniaeformis, Echinococcus multilocularis

Dud parasitiku fil-pulmuni tal-mammali (Lungworms)

Aelurostrongylus abstrusus

Għall-indikazzjoni kompleta, inklużiv l-istadji tal-larva, aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett.

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRIZZJONI

Għal użu estern biss.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Tużax fuq qtates li għandhom inqas minn 8 ġimgħat jew li jiżnu inqas minn 0.5 kg.
Għas-sigurtà ta' min juża l-prodott - aqra l-fuljett ta' tagħrif ġol-pakkett qabel tuża'.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali biex tippoteġi mill-umdità.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI
JEW MATERJAL IEĦOR GħAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Profender m'għandu qatt jintrema fl-ilma peress li nstab li emodepsajd hu ta' periklu għall-ħut jew
ħlejjaq oħra akwatiċi.
